# Riflessjonijiet u Suġġerimenti għar-RIFORMA - Ġustizzja aktar effettivamal-Vittmi tad-droga




Fondazzjoni OASI

8 ta' Frar, 2024

# Werrej

1. Introduzzjoni ........ 1
2. Riflessjonijiet u Suġġerimenti fuq il-Proposti Ewlenin ........ 2
2.1. Titwessa' l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' persuni li nqabdu bid-droga ........ 2
2.2. Kjarifika tal-ħtiġijiet sabiex il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-droga ........ 2
2.3. Eżerċizzju ta' diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-droga ........ 2
2.4. Dmir illi d-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' persuni li nqabdu bid-droga jkunu sostanzjati bl-għoti ta' raġunijiet ........ 2
2.5. Komunika tad-deċiżjoni tal-Bord lill-Qrati oħra ........ 3
2.6. Proċess aktar ġust għal dawk li jkunu skontaw sentenza f'każijiet passati ta' pussess sempliċi fil-Faċilità Korrettiva ........ 3
2.7. Żieda fl-ammonti indikattivi msemmija fil-Linji Gwida li jinsabu fl-iskedi tal-Kapitoli 31 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta ........ 3
2.8. Possibilità ta' proċess fil-Qorti Kriminali mingħajr ġurti ........ 4
2.9. Punti Oħra ........ 5
3. Konklużjoni ........ 6
4. Referenzi ........ 7

# 1. Introduzzjoni

Il-Fondazzjoni OASI hija organizzazzjoni mhux governattiva, awtonoma u ilha topera fis-settur tal-prevenzjoni u tat-terapija u riabilitazzjoni mill-addictions sa mill-1991. Biex twettaq din il-ħidma, il-Fondazzjoni timpjega diversi professjonisti b'dixxiplini differenti. Il-ħidma tagħha hija bbażata fuq interventi u programmi ta' natura psiko-soċjali.

Matul dawn is-snin ta' servizz lill-poplu Malti, il-Fondazzjoni ltaqgħet u ħadmet ma' numru konsiderevoli ta' każijiet ta' persuni maħkuma mill-abbuż tas-sustanzi u mal-familjari tagħhom. Il-Fondazzjoni hija xhieda tal-bidla li seħħet u għadha sseħħ fl-użu tas-sustanzi hawn Malta u 'l hinn minn xtutna. L-użu u l-abbuż tas-sustanzi huma fenomenu li qiegħed dejjem jinbidel, mhux biss fit-tip ta' sustanzi li jiġu abbużati, fil-mod ta' kif jiġu abbużati u fil-potenza ta' dawn is-sustanzi, imma wkoll fil-mod ta' kif is-soċjetà tħares u tirreaġixxi lejn l-użu tas-sustanzi u lejn il-persuni li qed jużaw is-sustanzi. Dan hu magħruf bħala l-proċess ta' normalizzazzjoni tal-użu tas-sustanzi fejn is-soċjetà tbiddel in-normi u l-liġijiet tagħha biex takkomoda dan il-fenomenu (Parker et al., 2002; Pearson, 2001). Għalkemm l-użu żdied (EMCDDA, 2023; Gellel et al., 2022; Goosdeel, 2022; UNODC, 2023b), is-soċjetà għadha tħares 'l isfel u b'mod degradanti lejn il-persuni li jabbużaw mis-sustanzi (Barry et al., 2014).

Is-suġġerimenti li ġejjin huma msejsa fuq ir-riċerka, kemm internazzjonali u lokali, u kif ukoll fuq l-esperjenzi tal-persuni li ħdimna u għadna naħdmu magħhom (Carpentier, 2021; EMCDDA & Europol, 2022; European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction, 2021; Gerra et al., 2010; UNODC, 2021a; UNODC, 2021b; UNODC, 2023a). F'kelma oħra, dawn is-suġġerimenti huma bbażati fuq il-bżonnijiet tal-individwi u fuq dak li niltaqgħu miegħu mill-perspettiva psiko-soċjali. Dan id-dokument ħareġ wara konsultazzjoni mal-professjonisti li jofru s-servizzi tagħhom lill-Fondazzjoni OASI.

Qabel xejn, il-Fondazzjoni OASI hija kontra l-użu tad-droga, iżda mhix kontra l-persuni li jagħmlu użu mid-droga. Aħna nħarsu lejn persuni li huma maħkuma mill-addiction bħala persuni li m'għandhomx il-kontroll totali fuq ir-rieda tagħhom waqt li dawn ikunu maħkuma mill-addiction. Dan joħroġ ċar kemm mill-esperjenzi ta' dawn il-persuni u kif ukoll mir-riċerka (Frascella et al., 2010; Koob & Le Moal, 2001; Koob, 2008; Koob & Volkow, 2016; Pickard, 2019; Sussman & Sussman, 2011; Yücel et al., 2016).

F'ħidmietna niltaqgħu ma' diversi persuni li biex isostnu l-bżonnijiet tagħhom, fosthom l-użu tas-sustanzi (imma mhux biss), jirrikorru għall-forniment tad-drogi, legali u illegali. Fil-fatt ir-riċerka turi li jeżistu diversi kategoriji ta' forniment tad-droga kif ukoll diversi tipi ta' persuni li joperaw fuq dawn il-livelli (Coomber & Moyle, 2014; Coomber et al., 2015; European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction, 2020; Taylor & Potter, 2013; Xerri, 2022).

Iltaqjna ma' numru konsiderevoli ta' persuni li esperimentaw bil-forniment tad-drogi, anke meta dawn waqfu mill-użu tad-droga, u għax hemm addiction, dawn reġgħu irkadew għad-droga. Dan il-proċess wassalhom biex irrealizzaw li huma qatt ma jistgħu jmissu d-droga mingħajr ma huma jispiċċaw vittmi tagħha.

# 2. Riflessjonijiet u Suġġerimenti fuq il-Proposti Ewlenin

## 2.1. Titwessa' l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' persuni li nqabdu bid-droga

Nemmnu li meta l-membri tal-bord minn 4 jiżdiedu 7, l-bord jakkwista aktar awtonomija u flessibilità biex imexxi il-każijiet li jiġu quddiemu.

Nissuġġerixxu li l-membri tal-bord għandhom ikunu esperti fl-addiction u li jkunu ġejjin minn dixxiplini differenti – psikjatri, ħaddiema soċjali, psikologi, kriminologi, flimkien ma' esperti legali, biex b'hekk ikunu jistgħu jħarsu lejn il-persuni jitresqu quddiemhom b'mod ħolistiku. Ma neskludux li fuq il-bord jitpoġġew persuni li kellhom problema ta' addiction u ilhom numru ta' snin riabilitati.

Inżidu li l-membri tal-bord m'għandhomx ikunu impjegati min minn qed joffri s-servizzi ta' terapija kemm f'organizzazzjoni bħal Sedqa, Caritas jew tal-Fondazzjoni OASI jew b'mod privat. Dan biex il-bord ikun aktar awtonomu, joffri aktar trasparenza u imparzjalità.

## 2.2. Kjarifika tal-ħtiġijiet sabiex il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-droga

Naqblu li biex bniedem jgħaddi quddiem il-Qorti tad-droga, wieħed irid juri li għandu addiction. Jeżistu kriterji universali li jindikaw b'mod ċar li persuna għandu problema ta' addiction waqt li jeżistu mezzi u għodod speċjalizzati biex dan jista' jiġi speċifikat.

Il-liġi fiha nnfisha għandha tagħti l-awtorità lill-esperti li qed jevalwaw il-każ, biex ikunu jistgħu jinvestigaw u jiġbru l-informazzjoni neċessarja biex jagħmlu l-analiżi professjonali tagħhom.

Il-purità tas-sustanza għandha wkoll tkun użata bħala indikatur ta' traffikar u l-livell ta' traffikar li l-persuna qed teżerċita.

## 2.3. Eżerċizzju ta' diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-droga

Kull każ għandu jiġi evalwat fuq il-merti tiegħu u allura naqblu li l-Qorti m'għandix tiskwalifika lill-persuna milli jidher quddiem l-Qorti dwar id-droga għax għamel użu minn xi arma waqt ir-reat. Meta persuna tkun taħt l-effett tal-addiction tagħmel azzjonijiet li meta tkun f'sikkitha lanqas jgħaddilha minn moħħha li għandha tagħmel. U dan mhux għax il-persuna tkun ħażina fiha nfisha (Pickard, 2019). Iltaqjna ma' kazijiet fejn persuni għamlu użu minn ġugarelli forma t'armi veri biex jakkwistaw flus.

Waqt li ntennu li l-Qorti għandha tikkonsidra kull każ skond il-merti tiegħu, ma jfissirx li l-Qorti m'għandiex timponi xi forma ta' piena li sservi ta' riparazzjoni lejn il-vittmi u lejn is-soċjetà.

## 2.4. Dmir illi d-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' persuni li nqabdu bid-droga jkunu sostanzjati bl-għoti ta' raġunijiet

Il-Qorti dwar id-droga għandha tara u tevalwa l-bidla fil-ħajja u fl-attitudni tal-individwu. Dan għandu jsir b'sistema ta' evalwazzjoni ħolistika u mhux biss billi tara li persuna qed tippreżenta

testijiet nodfa tal-urina. Il-proċess ta' evalwazzjoni għandu jieħu mill-anqas sentejn u l-moniteraġġ għandu jkun aktar iffokat fuq kif il-persuna qiegħda ġġib ruħha barra fis-soċjetà.

### 2.5. Komunika tad-deċiżjoni tal-Bord lill-Qrati oħra

Persuna li rriabilitat ruħha tibqa' piż fuq is-soċjetà sakemm din tkun għadha fis-sistema ġudizzjarja. Nemmnu li persuna riabilitata għandha tiġi rikonoxxuta għall-isforzi li hi tkun wettqet biex tbiddel l-ħajja tagħha. U għalhekk, id-deċiżjoni tal-Qorti dwar id-droga għandha tinġieb quddiem qrati oħra li quddiemhom il-persuna jkollha każijiet pendenti, biex dawk il-qrati jagħmlu l-ġudizzju tagħhom fuq il-bażi tal-każ speċifiku u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti dwar id-droga.

B'danakollu, ma jfissirx li persuna li m'għandiex tagħmel xi forma ta' riparazzjoni għall-għemil ħażin li tkun wettqet. Ir-riparazzjoni, skont il-każ, hija ukoll parti mir-riabilitazzjoni. Persuna li mhix lesta li tirrepara l-ħsara għandha tarġa' tidher quddiem il-Qorti għall-proċeduri skont il-każ.

### 2.6. Proċess aktar ġust għal dawk li jkunu skontaw sentenza f'każijiet passati ta' pussess sempliċi fil-Faċilità Korrettiva

Meta persuna tiddaħħal il-ħabs, il-proċess tal-ħajja tagħha jinbidel ta' taħt fuq. Għall-persuna li għandha problema ta' addiction, li tkun waqfet mill-użu, mhux biżżejjed biex din il-kundizzjoni ma terġax tgħolli rasha. Il-fatt li persuna terġa' tiddaħħal il-ħabs fuq każ, għandha aktar possibbiltà li tiltaqa' ma persuni li mhux riabilitati u li moħħhom għadu aktar iffokat fuq ħajja negattiva. Dan ser ipoġġi lil dik il-persuna f'riskju kbir li terġa' tirkadi u l-investiment li jkun sar f'dik l-persuna jintilef (Clark et al., 2013; DiFeliceantonio et al., 2016; Uslaner et al., 2006). Jeżistu forom oħra biex bniedem jagħmel riparazzjoni għall-azzjonijiet negattivi tiegħu, bħal servizz fil-komunità.

Il-post fejn il-persuna irriabilitat ruħha m'għandux iservi ta' faċilità ta' servizz fil-komunità. Hekk jinżammu l-parametri bejn għajnuna u sapport professjonali, u l-ħidma riparattiva. Ħidma riparattiva permezz ta' għajnuna lill-persuna b'diżabilità jew fil-annimali isservi ta' għajnuna terapewtika lil min ikun qed jagħmel ir-riperazzjoni ukoll.

### 2.7. Żieda fl-ammonti indikattivi msemmija fil-Linji Gwida li jinsabu fl-iskedi tal-Kapitoli 31 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta

Waqt li nifhmu r-raġunijiet għal din il-proposta, nafu li żieda fl-ammonti ser isservi ta' sitwazzjoni biex ikun hemm lok għal aktar abbuż.

Bħalma semmejna aktar 'il fuq, jeżistu diversi kategoriji ta' forniment tad-droga u diversi tipi ta' persuni li jagħmlu diversi tipi ta' attivitajiet relatati mal-forniment tad-droga (Campbell & Hansen, 2012; UNODC, 2012; Xerri, 2022).

Meta l-liġi timxi strettament ma' limiti, qed tkun awtomatikament inġusta ma' xi persuni. Eżempju ċar hu meta jkollok każ ta' persuna li nqabdet b'101 gramma kokaina u fejn il-limitu hu ta' 100 gramma kokaina. L-istess jingħad jekk persuna tinqabad 101(+) gramma eroina,

301(+) gramma kannabis jew 301(+) pilola ecstasy. Dan ma jistax jibbenefika mill-Qorti dwar id-droga, bir-riskju li jeħel l-ħabs jew ma jkollux għajnuna legali tajba. Il-livelli eżistenti għandhom iservu ta' gwida, imma m'għandhomx ikunu strettament ta' limiti, b'tali mod li ma tħalli lill-ġudikant jeżerċita l-gudizzju tiegħu skont il-każ.

Mill-banda l-oħra, faċli ħafna li ssib każijiet li jkollhom inqas grammi minn dawk ġa speċifikati bil-liġi bħalissa, b'mod speċjali fejn tidħol l-eroina u l-kokaina, u dawn ikunu qed jittraffikaw għall-profitt u mhux għax għandhom problema u ma jarawx l-bżonn ta' riabilitazzjoni. U allura, il-possibilità li dan l-każ jispiċċa ta' piż fuq is-servizzi riabilitattivi ser tikber b'mod konsiderevoli.

Jekk jiżdidu in-numru ta' grammi li wieħed jista' jkollu biex dan jgħaddi quddiem l-Qorti dwar id-droga, ser jiżdied ir-riskju li persuni trabbi u/jew iżżomm aktar pjanti prodotti tal-kannabis minn dak ġa speċifikat bil-liġi. Il-persuni li naħdmu magħhom jistqarru li din il-prattika saret xi ħaġa normali. Ser jiżdied is-sogru li wieħed jieħu biex dan jittraffika numru akbar ta' sustanzi.

Allura nerġgħu ntennu l-bżonn li l-Qorti għandha tikkonsidra kull każ skond il-kriteji tiegħu biex tiżgura ġustizzja.

Il-Qorti għandi jkollha l-faċilità li teżerċita sentenza ta' ħabs sospiża għal dawk il-każijiet marbuta mad-droga, b'mod dirett jew indirett, li ma jidhrux quddiem il-Qorti dwar id-droga.

Billi fil-liġi jissemmew biss l-eroina, il-kokaina, il-kannabis u l-ecstasy, u billi jeżistu ħafna aktar tipi ta' droga, il-liġi għandha issemmi t-tipi l-oħra tad-droga. Fil-fatt fir-Raba' Skeda tal-kap. 31 jsemmi ukoll LSD f'ammonti ta inqas minn 300 kaxxa, amfetamina f'ammonti ta' anqas minn 300 gramma u ketamina f'ammonti ta' inqas minn 150 gramma, waqt li fir-Raba' Skeda tal-kap. 101 jissemmew ammonti ta' 100 gramma għall-eroina u kokaina, u 300 gramma għall-kannabis.

Fl-aħħar, waqt li fl-artiklu 8 tal-Kap. 537 (Parliament of Malta, 2015) hemm imsemmi li l-ammont "ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda", ir-Raba' Skeda tal-Kap. 31 (Parliament of Malta, 1901) u tal-Kap. 101 (Parliament of Malta, 1939) t-tnejn li huma juru ċar li n-numri "jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni". Il-kliem tal-artiklu 8 tal-kap. 537 għandu jirreplika l-kliem r-Raba' Skeda tal-kapitli 31 u 101. (add references)

### 2.8. Possibilità ta' proċess fil-Qorti Kriminali mingħajr ġurti

Nenfasizzaw il-każ, li kull każ għandu jiġi kkonsidratt skond il-merti tiegħu, aktar w aktar, meta persuna turi biċ-ċar li qed tirriabilita' ruħha.

Apparti li jista jagħti l-fatt li mhux bilforsi persuna għandha tgħaddi ġuri, il-ligi għandha tiġi emendata biex terġa' tiddaħħal l-għażla ta' sentenza sospiża, waqt il-għandu jiżdied iż-żmien ta' monitoraġġ biex jiġi assigurat li persuna qed tirrijabilita' ruħha.

Iż-żmien huwa parti essenzzjali mill-proċess biex persuna tirrijabilita ruħha.

## 2.9. Punti Oħra

Il-Kap. 537 għandu jipprovdi proċeduri biex jassigura li persuni misjuba ħatja jħallsu l-multi kif imfassla fil-liġi. Il-liġi wkoll għandha tispeċifika b'mod ċar x'jiġri meta persuna ma tħallasx il-multi. Dan qed ngħiduh biex dawk li jiksru l-liġi jkunu responsabbli t'għemilhom, waqt li nassiguraw li din il-liġi tinforza s-sens ta' riparazzjoni.

## 3. Konklużjoni

"*Dak in-nhar li qabduni l-pulizija, ħassejt id-dinja taqa' fuqi, u kieku tawni ċans kont intemm ħajti dak il-mument ...... meta llum inħares lura, dak kien il-mument li qabduni, jien twelidt mill-ġdid.*"

Persuna li nqabdet bit-traffikar tad-droga u llum irriabilita ruħha.

Is-servizzi tar-riabilitazzjoni ma jaħdmux weħidhom u f'vakum, imma jagħmlu parti minn soċjetà u joperaw fl-istess soċjetà. Il-kultura tal-pajjiż għandha mpatt fuq is-servizzi ta' riabilitazzjoni.

Wieħed irid jara l-impatt li din ir-riforma ser ikollha, mhux biss fuq il-persuni li ser jibbenefikaw minnha issa imma anke fil-futur. Din ir-riforma ser ikollha impatt fuq is-servizzi u fuq il-ħaddiema li jaħdmu fil-qasam, kemm issa u anke dawk il-ħaddiema li ser jaħdmu fil-qasam fil-futur. Din ir-riforma ser ikollha impatt fuq is-soċjetà b'mod inġenerali. Għalhekk tajjeb li jkun hemm moniteraġġ b'mod ħolistiku u fit-tul tal-impatt dan ir-riforma.

Is-sistema sħiħa ġudizzjarja taħdem meta mħaddma minn persuni li huma professjonali u jħadmu l-etika tal-professjoni tagħhom.

Il-katina hi b'saħħitha daqs il-ħolqa l-aktar dgħajfa tagħha.

# 4. Referenzi


Barry, C. L., McGinty, E. E., Pescosolido, B. A., & Goldman, H. H. (2014). Stigma, Discrimination, Treatment Effectiveness, and Policy: Public Views About Drug Addiction and Mental Illness. *Psychiatric Services (Washington, D.C.), 65*(10), 1269-1272. https://doi.org/10.1176/appi.ps.201400140

Campbell, H., & Hansen, T. (2012). Getting out of the Game: Desistance from drug trafficking. *The International Journal of Drug Policy, 23*(6), 481-487. https://doi.org/10.1016/j.drugpo.2012.04.002

Carpentier, C. (2021). *Drug trafficking on the Internet*. UNODC. https://doi.org/10.4324/9780203302958_chapter_13

Clark, J. J., Collins, A. L., Sanford, C. A., & Phillips, P. E. M. (2013). Dopamine Encoding of Pavlovian Incentive Stimuli Diminishes with Extended Training. *The Journal of Neuroscience, 33*(8), 3526-3532. https://doi.org/10.1523/JNEUROSCI.5119-12.2013

Coomber, R., & Moyle, L. (2014). Beyond drug dealing: Developing and extending the concept of 'social supply' of illicit drugs to 'minimally commercial supply'. *Drugs: Education, Prevention and Policy, 21*(2), 157-164. https://doi.org/10.3109/09687637.2013.798265

Coomber, R., Moyle, L., & South, N. (2015). The normalisation of drug supply: The social supply of drugs as the "other side" of the history of normalisation. *Drugs : Education, Prevention & Policy, 23*(3), 255-263. https://doi.org/10.3109/09687637.2015.1110565

DiFeliceantonio, A. G., Berridge, K. C., & Dalley, J. (2016). Dorsolateral neostriatum contribution to incentive salience: opioid or dopamine stimulation makes one reward cue more motivationally attractive than another. *The European Journal of Neuroscience, 43*(9), 1203-1218. https://doi.org/10.1111/ejn.13220

EMCDDA. (2023). *Hexahydrocannabinol (HHC) and related substances.* (). Lisbon: European Monitoring Centre for DRugs and Drug Addiction. https://doi.org/10.2810/852912 https://www.emcdda.europa.eu/system/files/documents/2023-05/emcdda-technical-report-hhc-and-related-substances.pdf

EMCDDA, & Europol. (2022, *EU Drug Markets: In-depth analysis.* https://www.emcdda.europa.eu/publications/eu-drug-markets_en. Retrieved June 7, 2022, from https://www.emcdda.europa.eu/publications/eu-drug-markets_en

European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction. (2020). *European Drug Report 2020: Trends and Developments.* (). Luxembourg: Publications Office of the European Union. https://data.europa.eu/doi/10.2810/420678

European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction. (2021). *Prison and drugs in Europe: current and future challenges.* (). Luxembourg: Publications Office of the European Union. https://doi.org/10.2810/587522 https://www.emcdda.europa.eu/publications/insights/prison-and-drugs-in-europe_en

Frascella, J., Potenza, M. N., Brown, L. L., & Childress, A. R. (2010). Shared brain vulnerabilities open the way for nonsubstance addictions: Carving addiction at a new joint. *Annals of the New York Academy of Sciences, 1187*(1), 294-315. https://doi.org/10.1111/j.1749-6632.2009.05420.x

Gellel, M., Gellel, R., Muscat, R., & Pulis, A. (2022). *The Drug Situation and Responses in Malta - 2022* . ().Ministry for Social Policy and Children's Rights. https://family.gov.mt/wp-content/uploads/2023/02/National-Drug-Report-EN.pdf

Gerra, G., Arria, A., Basangwa, D., Carrà, G., Fanfarillo, A., Finch, E., Gong, X., Höcker, W., Huddleston, W., Iancu, A., Marolla, V., McSweeney, T., Okruhlica, L., Ooyen, M., Saenz, E., Simeoni, E., Soikkeli, M., Subata, E., Sullivan, M., & Clark, N. (2010). *From coercion to cohesion:
Treating drug dependence
through health care,not punishment*. United Nations Office on Drugs and Crime.

Goosdeel, A. (2022). *European Drug Report 2022: Trends and Developments (Speech)*

Koob, G. F. (2008). Hedonic homeostatic dysregulation as a driver of drug-seeking behavior. *Drug Discovery Today: Disease Models, 5*(4), 207-215. https://doi.org/10.1016/j.ddmod.2009.04.002

Koob, G. F., & Le Moal, M. (2001). Drug addiction, dysregulation of reward, and allostasis. *Neuropsychopharmacology, 24*(2), 97-129. https://doi.org/10.1016/S0893-133X(00)00195-0

Koob, G. F., & Volkow, N. D. (2016). Neurobiology of addiction: a neurocircuitry analysis. *The Lancet. Psychiatry, 3*(8), 760-773. https://doi.org/10.1016/S2215-0366(16)00104-8

Parker, H., Williams, L., & Aldridge, J. (2002). The Normalization of 'Sensible' Recreational Drug Use: Further Evidence from the North West England Longitudinal Study. *Sociology (Oxford), 36*(4), 941-964. https://doi.org/10.1177/003803850203600408

Chapter 31 - Medical and Kindred Professions Ordinance, (1901). https://legislation.mt/eli/cap/31/eng/pdf

Chapter 101 - Dangerous Drugs Ordinance, (1939).

Chapter 537 - Drug Dependence (Treatment not Imprisonment) Act, (2015). https://legislation.mt/eli/cap/537/eng/pdf

Pearson, G. (2001). Normal Drug Use: Ethnographic Fieldwork Among An Adult Network of Recreational Drug Users in Inner London. *Substance use & Misuse, 36*(1-2), 167-200. https://doi.org/10.1081/JA-100000234

Pickard, H. (2019). The Puzzle of Addiction. *The Routledge Handbook of Philosophy and Science of Addiction* (1st ed., pp. 9-22). Routledge. https://doi.org/10.4324/9781315689197-2

Sussman, S., & Sussman, A. N. (2011). Considering the Definition of Addiction. *International Journal of Environmental Research and Public Health, 8*(10), 4025-4038. https://www.academia.edu/12519055/Considering_the_Definition_of_Addiction

Taylor, M., & Potter, G. (2013). From 'Social Supply' to 'Real Dealing': Drift, Friendship, and Trust in Drug-Dealing Careers. *Journal of Drug Issues, 43*(4), 392-406. https://search.proquest.com/docview/1520319098

UNODC. (2012). *Estimating Illicit Financial Flows Resulting from Drug Trafficking and Other Transnational Organized Crimes: Research Report;2012 IIS 4387-M24.* (). Vienna: United Nations Office on Drugs and Crime. https://statistical.proquest.com/statisticalinsight/result/pqpresultpage.previewtitle?docType=PQSI&titleUri=/content/2012/4387-M24.xml

UNODC. (2021a). *World Drug Report 2021: Executive Summary and Policy Implications.* (). Vienna: United Nations publication. www.unodc.org/unodc/en/data-and-analysis/wdr2021.html

UNODC. (2021b). *World Drug Report 2021: Global overview of drug demand and supply.* (). Vienna: United Nations publication. www.unodc.org/unodc/en/data-and-analysis/wdr2021.html

UNODC. (2023a). *Global Report on Cocaine 2023 - Local dynamics, global challenges.* (). Vienna: United Nations Publication. https://idpc.net/publications/2023/04/unodc-global-report-on-cocaine-2023

UNODC. (2023b). *Human rights challenges in addressing and countering all aspects of the world drug problem.* ().Office of the United Nations High Commissioner for Human Rights.

Uslaner, J. M., Acerbo, M. J., Jones, S. A., & Robinson, T. E. (2006). The attribution of incentive salience to a stimulus that signals an intravenous injection of cocaine. *Behavioural Brain Research, 169*(2), 320-324. https://doi.org/10.1016/j.bbr.2006.02.001

Xerri, N. (2022). *Exploring the Career Trajectories of Drug Suppliers: A Study of Published Autobiographies* (Master of Science).

Yücel, M., Lubman, D. I., Solowij, N., & Brewer, W. J. (2016). Understanding Drug Addiction: A Neuropsychological Perspective. *Australian and New Zealand Journal of Psychiatry, 41*(12), 957-968. https://doi.org/10.1080/00048670701689444

**Fondazzjoni OASI**

5, Triq Wied Sara,

Rabat, VCT 2963,

Għawdex, Malta

Info@oasi.org.mt

+356 2156 3333

©2024